# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Rikors Numru 965/10 AE**

**Raymond u Salvina konjugi Cauchi**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana [illum Direttur Generali (Dwana)]**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-atturi minn digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Frar 2015 li permezz tieghu dik il-Qorti

cahdet it-talba maghmula mill-atturi ghall-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali prezentat fit-22 ta' Settembru 2014.

**Fatti**

2. Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma dawn.

3. Bis-sahha ta' digriet moghti fis-6 ta' Jannar 2014[1] l-ewwel Qorti fuq talba tal-atturi innominat periti addizzjonali[2] bis-segwenti fakolta`jiet:

> "… sabiex wara li jaraw l-atti, jaghtu stima tal-valur tal-armi tan-nar li nsterqu u li huma meritu tal-kawza.
>
> "Tawtorizza lill-periti addizzjonali sabiex jaghmlu access sabiex jaraw is-snieter li jissemmew fir-rapport tal-perit tekniku [precedenti] il-Brigadier Maurice Calleja. Il-periti addizzjonali m' ghandhom jisimghu xhieda u jigbru dokumenti…."

4. Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2014 l-ewwel Qorti ziedet mal-fakoltajiet li kienet tat lill-periti addizzjonali billi tathom il-fakolta` li:

> "…jekk jaghzlu li jaghmlu access, jaraw is-snieter li l-attur kien irkupra wara s-serqa u b'hekk ikunu f'pozizzjoni li jiehdu ideja tat-tip ta' kollezzjoni ta' snieter li ghandu l-attur."[3]

5. Jirrizulta li mhux l-armi kollha kienu gew irkuprati wara s-serqa, izda tmienja minnhom baqghu ma nstabux.

---

[1] Fol. 226
[2] Dr Mario Spiteri Bianchi, Stefan Petroni u Pierre Grech Pillow
[3] Fol. 227

6. Bis-sahha ta' rikors kongunt[4] prezentat fl-1 ta' April 2014 il-periti addizzjonali talbu estensjoni fiz-zmien moghti lilhom ghall-prezentata tar-rapport taghhom u din it-talba saret ghar-raguni segwenti indikata fl-istess rikors:

> "[sal-jum moghti ghall-prezentata tar-rapport taghhom] .. l-esponenti ghad m' humiex f' pozizzjoni li jissottomettu l-konkluzjonijiet taghhom stante li ghadhom qeghdin jipprovaw jottjenu informazzjoni importanti minn naha tas-sur Stephen P.Fjestad, li apparti mill-fatt illi huwa l-awtur u pubblikatur tal-*'Blue Book of Gun Values'* qieghed gentilment jagixxi bhala intermedjarju bejn il-fabbriki tal-armi rispettivi u l-esponenti, u dan sabiex permezz tas-*serial number* rispettiv ghal kull armla li nsterqet, possibbilment jigu identifikati fatti li jistghu jkollhom impatt qawwi fuq il-valur u konsegwentement [*sic*] stima li trid tigi rilaxxjata…….."

7. Fl-udjenza sussegwenti li nzammet fis-7 ta' April 2014 gie registrat li kien deher l-perit addizzjonali l-Avukat Dr Mario Spiteri u fuq taghrif li dan ta lill-ewwel Qorti t-talba tal-periti addizzjonali ghall-estensjoni taz-zmien giet miqlugha. Fl-istess udjenza gie registrat is-segwenti verbal:

> "Meta ssejjhet il-kawza deher l-Avukat Mario Spiteri [perit addizzjonali]. Deher ukoll David Sciberras ghall-Kontrollur.
>
> "Il-Qorti nghatat taghrif dwar f' liema stadju waslu l-periti addizzjonali [u estendiet it-terminu moghti ghall-prezentata tar-rapport]……..Wara s-smigh [tal-perit addizzjonali dehru d-difensuri tal-partijiet li gew informati mill-qorti b' dak lil kien gie dikjarat mill-perit addizzjonali u nghataw id-differiment"

[4] Fol. 229

8. Fit-22 ta' Jannar 2015 l-atturi prezentaw rikors[5] li bis-sahha tieghu, ghar-ragunijiet indikati minnhom fl-istess rikors, talbu l-izfilz tar-rapport[6] tal-periti addizzjonali li kien gie prezentat dak in-nhar stess. Fit-12 ta' Frar 2015, l-ewwel Qorti tat id-digriet[7] fuq it-talba tal-atturi wara li kienet hadet konjizzjoni tar-risposti prezentati kemm mill-konvenut kif ukoll mill-istess periti addizzjonali.

**L-Appell**

9. Fir-rikors tal-appell taghhom l-atturi ressqu tlett aggravji: [1] li l-ewwel Qorti trattat aspett tal-procedura li ma kienx jifforma parti mill-mertu tar-rikors; [2] li b'referenza ghall-paragrafi 2[a] sa [d] l-ewwel Qorti trattat ir-rikors "erronejament u, bid-dovut rispett, leggerment"; [3] li l-mertu tar-rikors u cioe` l-parametri tal-poteri tal-periti gudizzjarju u anke l-operat trasparenti li biha l-periti ghandhom jaqdu l-funzjoni taghhom "gie sorvolat mill-ewwel Qorti".

10. Ghaldaqstant l-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka d-digriet fuq indikat u, minflok, tilqa' t-talba taghhom maghmula fl-isemmi rikors u tghaddi sabiex tordna l-isfilz tar-rapport de quo.

---

5 Fol. 298
6 Fol. 237
7 Supra

11. Minn naha tieghu l-konvenut wiegeb b'mod ezawrenti ghar-rikors tal-appell tal-atturi u, ghar-ragunijiet minnu indikati fir-risposta tieghu, qed jitlob li l-appell tal-atturi jigi michud u d-digriet tat-12 ta' Frar 2015 jigi konfermat in toto, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Id-Digriet Appellat**

12. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li tichad it-talba tal-atturi ghall-isfilz tar-rapport peritali wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "1. **Il-perit addizzjonali rreferew ghall-atti tal-proceduri kriminali**, il-qorti tosserva li:-
>
> "a. B'digriet tat-23 ta' Gunju 2014 (fol. 232) il-qorti laqghet it-talba. Digriet li ntbaghat lid-difensuri tal-partijiet. 'Il fatt li fid-digriet tat-23 ta' Gunju 2014 ma ssemmiex espressament id-digriet tas-6 ta' Jannar 2014, ma jfissirx li t-tieni digriet m'huwiex validu.
>
> "b. Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2014 ma saret l-ebda oggezzjoni jew talba ghar-revoka tad-digriet tat-23 ta' Gunju 2014.
>
> "c. Il-periti addizzjonali pprezentaw ir-rapport fit-22 ta' Settembru 2014. Mid-data tad-digriet sa qabel gie pprezentat ir-rapport, ghaddew kwazi tlett xhur, u kien biss wara l-pubblikazzjoni tar-rapport li l-atturi oggezzjonaw. Fil-fehma tal-qorti l-atteggjament passiv li addottaw l-atturi wara d-digriet tat-23 ta' Gunju 2014 fih innifsu juri li f'dak iz-zmien ma kellhomx oggezzjoni li l-periti addizzjonali jaraw l-atti tal-proceduri kriminali. Jidher li l-oggezzjoni twieldet ghaliex ma jaqblux mal-istima tal-periti addizzjonali.
>
> "d. F'kull kaz mir-rapport hu evidenti li l-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali m'humiex bazati fuq stima tal-armi oggett tal-kawzi li setghet saret f'proceduri ohra.

"2. **Il-perit addizzjonali kkomunikaw ma' certu Stephen P. Fjestad**, il-qorti tosserva li:-

"a. L-ewwel perit gudizzjarju ddikjara li fil-qadi tal-inkarigu ghamel uzu minn *"Blue Book of Gun Values pubblikazzjoni li taghti l-prezzijiet tal-armi, ghamel uzu mill-internet kif ukoll tkellem ma' zewg agent ital-armi. Il-prezzijiet kwotati kienu kollha ta' snieter uzati"* (fol. 210). Dwar dan l-atturi ma ressqu l-ebda oggezzjoni.

"b. Stephen P. Fjestad hu l-awtur tal-ktieb *Blue Book of Gun Values* li hu l-ktieb li l-ewwel perit u l-periti addizzjonali rreferew ghalih fil-qadi tal-inkarigu;

"c. Il-qorti fehemet li meta tigi biex taghmel stima ta' valur armi tan-nar, dan il-ktieb hu awtorita b'fama internazzjonali. Minn ricerka li ghamlet il-qorti jirrizulta li l-ktieb issa jinsab fil-35 edizzjoni u nbieghu iktar minn 1.6 miljun kopja.

"Mir-rapport tal-periti addizzjonali hu evidenti li l-istima tal-periti addizzjonali hi differenti mit-taghrif li gabru minghand P. Fjestad."

## L-Aggravji

*L-ewwel aggravju*

13. Dan hu fis-sens li fir-rikors promotur [ir-rikors] tad-digriet *de quo* l-atturi kienu talbu l-isfilz tar-rapport, mhux ghax il-periti addizzjonali rreferew u ezaminaw l-atti tal-proceduri kriminali, izda ghax fl-esekuzzjoni tal-inkarigu taghhom il-periti ikkonsultaw ma' Stephen P. Fjestad, terza persuna. Ghalhekk jghidu l-atturi l-ewwel parti tad-digriet intestata *"Il-periti addizzjonali rreferew ghall-atti tal-proceduri kriminali"* kontenuta fil-paragrafi 1[a] sa [d] tezorbita mill-parametri tar-rikors prezentat minnhom u huma m' ghandhom u ma kellhom edba ilment fir-rigward

14. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li fir-rikors taghhom l-atturi ma lmentawx dwar il-fatt li l-periti kkonsultaw l-atti tal-proceduri kriminali kif wara kollox huma kienu gew awtorizzati mill-Qorti li jaghmlu, l-atturi ma wrewx kif din il-parti tad-digriet kienet jew setghet kienet ta' pregudizzju ghalihom u, fl-assenza ta' pregudizzju, din il-Qorti ma tarax kif dik il-parti tad-digriet tista' sservi bhala bazi valida ta' aggravju.

15. Inoltre, ghandu jinghad li, jekk l-ewwel Qorti hasset li fic-cirkostanzi kellha *ex officio* tikkjarifika l-materja billi taghmel il-konsiderazzjonijiet li ghamlet fl-ewwel parti tad-digriet, hija kellha l-awtorita` li taghmel hekk.

16. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

17. Dan jirrigwardja t-tieni parti tad-digriet, fuq citata jigifieri l-paragrafi 2[a] sa [d].

18. Dan hu fis-sens li l-periti addizzjonali marru lil hinn mill-poteri moghtija lilhom mill-Qorti meta ikkonsultaw mal-awtur tal-ktieb *Blue Book of Guns*, ad insaputa tal-partijiet u tal-Qorti li hatrithom.

19. Rigward il-paragrafu 2[a] l-atturi jghidu li, l-inferenza maghmula mill-ewwel Qorti fis-sens li l-attur ma kienux oggezzjonaw ghall-fatt li mill-ewwel rapport jirrizulta li l-perit gudizzjarju precedenti kien *"tkellem ma' zewg agenti tal-armi"* fil-qadi ta' dmirijietu, ma treggix stante li t-talba taghhom ghall-hatra ta' periti perizjuri kienet tekwivali ghall-oggezzjoni da parti tal-atturi ghall-kontenut tal-ewwel rapport, inkluz allura l-mod kif l-ewwel espert esegwixxa l-inkarigu tieghu.

20. Dwar dan il-punt l-atturi ghandhom ragun fis-sens li t-talba generika ghall-hatra ta' periti addizzjonali tfisser li huma kienu qed jikkontestaw il-kontenut kollu tar-rapport tal-perit gudizzjarju precedenti

21. Rigward il-paragrafi 2[b] u [c] l-atturi fissru hekk din il-parti tal-aggravju taghhom:

> "……il-periti addizzjonali…. marru ben oltre l-poteri u funzjonijiet taghhom, meta nizlu fl-arena rizervata esklussivament lill-partijiet kontendenti u kisbu provi aliunde [estraneji ghall-process], li imbaghad fuqhom ibbazaw, kompletament jew parzjalment, l-opinjoni u l-konkluzjonijiet taghhom. Dan ghamluh ad insaputa tal-partijiet kontendenti u, anke, tal-Qorti li hatrithom…..
>
> "Il-fatt li l-periti addizzjonali kkonsultaw ma' terzi – bla ma zammew almenu seduta ghal tal-skop, bil-partijiet u difensuri prezenti jew li jinformaw preventivament il-Qorti bl-intenzjonijiet taghhom – jaghmilha difficli ghall-atturi li jibqghu passivi ghal tali agir … … …
>
> "… … … l-appellanti jirrilevaw illi ghandu jkun hemm differenza markata bejn il-fat li perit gudizzjarju jaghmel referenza ghal opra ta' xi awtur u

jislet minnha, u l-fatt li perit gudizzjarju tkellem ma' l-awtur tal-ktieb u talbu informazzjoni lil hinn min dik misjub fil-ktieb… Illi meta xi hadd jislet min opra, kulhadd jista' jevalwa dak il-bran citat, proprju ghax hemm l-opra disponibbli u tista' tigi konsultata….. Dan izda ma jista' qatt isehh meta perit gudizzjarju … flok jislet minn xi opra, jikkonsulta personalment mal-awtur ta' xi ktieb."

22. Ikomplu jghidu:

"Minn dan kollu jitnissel dan: kif tista' qatt parti f'kawza tikkuntrasta tali xenarju fejn l-informazzjoni tinghata informalment mill-awtur? Kif tista' qatt parti f'kawza tikkontrolla l-kuntest ta' l-ghoti ta' tali taghrif mill-awtur? Kif tista' qatt parti f'kawza tizen id-dettalji moghtija u tpoggihom a kontront ta' dettalji ohra? Kif tista' qatt parti f'kawza tpoggi dan kollu f'xi forma ta' kuntest oggettiv, ghajr f'dak unilateralment impost mill-opinjoni personali ta' dan l-awtur li informalment offra l-fehrna tieghu fuq rikjesta tal-periti gudizzjarji?

"Fl-ahhar rnill-ahhar, wiehed ghandu jzomm f'mohhu l-irwol importanti li ghandhom l-esperti teknici mqabbdin mill-Qrati taghna, li jista' jinghad ghandhom rwol semi/kwazi-gudizzjarju peress illi l-opinjoni taghhom difficli tigi ribadita [recte: ribattuta] minn persuna li m'hix esperta fuq is-suggett taghhom, u ghaldaqstant hafna drabi l-Qrati taghna jistriehu fuq l-opinjoni teknika taghhom *in toto*. L-agir tal-periti addizzjonali f'din il-kawza hu ekwivalenti ghal dak ta' gudikant li, *exempli gratia*, jmur isaqsi lil kwalsiasi persuna fit-triq dwar kif ghandu jiddeciedi kawza, fejn ghandha taqa' il-htija jew dwar kif ghandu jaghti l-quantum tad-danni u fuq liema kriterji."

23. L-attur jkomplu bl-aggravju taghhom billi jirreferu ghall-paragrafu 2[d] tad-digriet u jissottomettu -

"…..illi r-relazzjoni tal-periti addizzjonali hi fundamentalment imsejsa fuq l-informazzjoni akkwizita (informalment u bla ebda solennita' jew tharis ta' ritwali procedurali) fuq il-fehma tal-barrani Stephen P. Fjestad. F'ben tlett (3) oggetti [minn tmienja 8] il-fehma ta' Stephen P. Fjestad u dik tal-periti addizjonali hi identika, filwaqt li fir-rimanenti tmienja (8), il-periti addizzjonali hadu bhala mizura bazi dak li Stephen P. Fjestad indika fi-

email tieghu tal-1 ta' April, 2014 (anness mar-relazzjoni addizzjonali). Fi kliem iehor, il-periti addizzjonali kkalibraw il-fehma teknika taghhom ma' dik ta' Stephen P. Fjestad u ziedu fuq l-ammonti minnu elenkati/indikati fl-email bhala minimu. Dan kjarament jirrifletti l-fatt li l-periti addizzjonali strahu b'mod notevoli fuq l-opinjoni ta' Stephen P. Fjestad (kuntrarjament ghal dak asserit fid-digriet tat-12 ta' Frar, 2015).

“Iktar inkwetanti hu l-fatt li l-periti addizzjonali strahu fuq l-opinjoni ta' Stephen P. Fjestad meta dan ta' l-ahhar ammetta hu stess (fl-email koncernat) li ma kellux bizzejjed informazzjoni biex jaghti stima preciza!”

*It-tielet aggravju*

24. Huma jissintezziaw dan l-aggravju hekk:

“Certu precetti bazici - bhal dik ta' "equality of arms"; ta' "legitimate expectation"; ta' "fair hearing"; ta' "quod non est in actis, non est in mundo"; li l-partijiet kontendenti ghandhom dejjem jiehdu sehem attiv fil-procediment gudizzjarju u li huma ma jigux b'xi mod sorprizi b'xi ghemil awtonomu; li huma ghandhom dejjem jinghataw t-opportuntta li jkollhom grad ta' kontroll fuq il-provi li eventwalment ser jigi skrutinati min minn ghandu jiddeciedi fuqhom; li l-stess partijiet ghandhom dejjem ikollhom lehen fi kwalsiasi stadju tal-proceduri - ma ghandhom qatt jigu sorvolati.”

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

25. It-tieni u t-tielet aggravju ser jigu trattati flimkien peress li huma konnessi.

26. Il-Qorti, wara li ezaminat is-sottomissjonijiet ezawrjenti maghmula mill-partijiet, tikkonsidra opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

27. Fil-qosor, il-vertenza sollevata mill-atturi hija bazata fuq erba' pilastri: li l-periti addizzjonali ma kellhomx l-awtorizzazzjoni biex jikkonsultaw terza persuna esperta fil-materja li dwarha huma kienu inkarigati mill-Qorti biex jirrelataw, tant dan hu minnu li skont id-dettami tad-digriet tan-nomina taghhom gie espressament eskluz is-smigh ta' xhieda godda u l-produzzjoni ta' dokumenti godda; li konsegwenzjalment huma agixxew barra l-parametri tal-inkarigu taghhom meta kkonsultaw informalment mal-imsemmija terza persuna anke jekk ikkonsidrata fuq livell internazzjonali bhala espert fil-materja u huwa l-awtur tal-ktieb rinomat *Blue Book of Gun Values*; li din il-konsultazzjoni da parti tal-periti addizzjonali kienet saret ad insaputa tal-Qorti u tal-partijiet, bir-rizultat li kemm il-partijiet kif ukoll il-Qorti gew privati mill-beneficcju tal-iskrutinju ta' dak diskuss bejn il-periti u dan il-persuna.

28. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li fid-digriet tan-nomina kienet giet eskluza lill-periti addizzjonali il-fakolta` li dawn jisimghu xhieda godda jew jipprezentaw dokumenti godda fit-twettiq tal-inkarigu taghhom, mill-atti processwali jirrizulta manifest li sussegwentement il-periti nghataw l-awtorizzazzjoni li jikkonsultaw ma' terz espert fil-materja. Fil-fatt, fir-rikors kongunt prezentat mill-periti addizjonali fl-1 ta' April 2015[8] huma kienu talbu estensjoni taz-zmien

[8] Supra

ghall-prezentata tar-rapport taghhom proprju fuq ir-raguni li huma *"kienu ghadhom qeghdin jippruvaw jottjenu informazzjoni importanti minn naha tas-sur Stephen P. Fjestad li apparti mill-fatt li huwa l-awtur u pubblikatur tal-Blue Book of Gun Values qieghed gentilment jagixxi bhala intermedjarju [bejnhom] u bejn il-fabbriki tal-armi rispettivi…"*

29. Fis-seduta tas-7 ta' April 2015, li ghaliha l-atturi ma kienux deheru u d-difensuri taghhom kienu deheru aktar tard matul l-udjenza, il-perit addizzjonali l-Avukat Mario Spiteri deher u informa l-Qorti "*dwar liema stadju waslu l-periti addizzjonali*". Fuq din l-informazzjoni, u ghalhekk b'referenza ghar-rikors prezentat minnhom, il-Qorti laqghet it-talba taghhom u estendiet iz-zmien originali ghall-prezentata tar-rapport taghhom. Mhux hekk biss, izda meta d-difensuri tal-partijiet kienu deheru aktar tard fis-seduta il-Qorti informathom b'dak li kien gie dikjarat mill-perit addizzjonali u nghataw id-differiment. Minkejja dan, l-atturi ma ressqu ebda oggezzjoni fir-rigward il-mod kif il-periti addizzjonali kienu qed jesegwixxu l-inkarigu taghhom. Din il-Qorti tosserva li dan hu l-boghod hafna mill-imputazzjoni maghmula minnhom li l-Qorti "issorvolat" lill-partijiet.

30. Mill-premess ghandu jirrizulta car ksritallin li mhuwiex minnu li l-periti addizzjonali agixxew minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghax meta l-Qorti laqghet it-talba taghhom ghall-estensjoni taz-zmien din

ghamlitu in bazi ghar-raguni moghtija fir-rikors kongunt taghhom. Ghalhekk l-ilment tal-atturi li l-periti addizzjonali marru lil hinn mill-poteri taghhom huwa manifestament insostenibbli u dak li sar mill-periti addizzjonali sar bil-konsapevolezza u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

31. Mhux minnu wkoll dak allegat mill-atturi li dawn kienu thallew fl-ghama bil-mod kif il-periti kienu qed jezegwixxu l-inkarigu taghhom u precizament li kienu qed jipprovaw igibu informazzjoni mit-terza persuna fuq indikata. Dan qed jinghad ghax fl-udjenza tas-7 ta' April 2014 il-perit addizzjonali l-Avukat Mario Spiteri ta *"taghrif dwar f'liema stadju waslu l-periti addizzjonali"* fuq liema taghrif il-Qorti akkordat it-talba taghhom ghall-estensjoni taz-zmien.

32. Din il-Qorti tosserva li huwa palezi li l-partijiet f'kawza ghandhom l-obbligu li jsegwu l-kawza b'mod diligenti u li jattendu ghall-udjenza fid-data u fil-hin indikat fl-udjenza precedenti sabiex jinformaw ruhhom dwar dak li jkun qed isir fl-udjenza u dak li jkun qed jigri fil-kawza. Fil-kaz odjern jirrizulta li d-difensuri tal-partijiet ma deherux fl-istadju inizjali tal-udjenza meta allura l-imsemmi perit addizzjonali kien informa lill-Qorti dwar ir-raguni ghat-talba taghhom, izda deheru tard bir-rizultat li ma kienux prezenti meta l-perit kien qed jinforma lill-Qorti bir-raguni tad-dewmien. Izda, minkejja li l-partijiet ma kienux prezenti, xorta wahda l-ewwel Qorti hassitha fid-dmir li tinforma lid-difensur tal-partijiet dwar l-

informazzjoni mghoddija lilha mill-perit. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li dak li ghamlu l-periti addizzjonali kien minn wara dahar il-partijiet wisq anqas jista' jinghad li agixxew minn wara dahar il-Qorti meta dawn kienu ghamlu rikors kongunt proprju biex informaw lil dik il-Qorti b'dak li kienu qed jaghmlu fl-esekuzzjoni tal-inkarigu taghhom u r-raguni tat-talba taghhom ghall-estensjoni taz-zmien.

33. Fl-ahhar u ghall-finijiet tal-kompletezza biss din il-Qorti tosserva li l-atturi ma wrewx kif huma setghu gew pregudikati b'dak li ghamlu l-periti addizzjonali. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li fil-ligi jezistu mezzi li permezz taghhom jista' jigi skrutinjat dak kollu li ghamlu l-periti addizzjonali li fir-rapport taghhom spjegaw u indikaw dak li kien qalilhom l-imsemmi espert. Inoltre l-atturi kellhom u ghad ghandhom il-fakolta` li jeskutu lill-periti addizzjonali u jottjenu minghandhom l-informazzjoni dwar x'diskors kien sar bejnhom u bejn l-espert fuq indikat. Barra minnhekk ghandhom ukoll il-fakolta` li, jekk mehtieg, jitolbu s-smigh tat-terza persuna permezz tal-*video conferencing*, izda minflok ma ghamlu uzu minn dawn il-mizuri li taghtihom il-ligi, il-partijiet mal-ewwel u allura intempestivament talbu l-isfilz tar-rapport.

34. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji huma infondati u qed jigu respinti.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, bl-ispejjez kollha a kariku tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df